**MEDIA RELEASE – FOR IMMEDIATE PUBLICATION**

# Il-vettura spazjali Delta 4 tagħmel inżul Bay Street

L-aqwa ċentru ta' divertiment f'Malta, Delta 4, issa għamel inżul fuq Level 4 tal-Kumpless Turistiku ta' Bay Street, fil-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan.

Delta hija r-raba' ittra fl-alfabett Grieg u tirrappreżenta l-post fejn jinstab dan iċ-ċentru b'tema ta' vettura spazjali, li fih insibu ftit mill-attrazzjonijiet l-iktar moderni.

Malli tidħol ġewwa lesti ruħek biex tieħu gost b'attrazzjonijiet bħal Entrapment, Labirint bil-Lasers li ġie mill-Amerika, video games bil-virtual reality, postijiet sorveljati fejn jistgħu jilgħabu tfal ta' bejn is-sentejn u t-8 snin, waqt li l-ġenituri tagħhom jistgħu jidħlu jixtru fil-ħwienet ta' Bay Street jew jieklu xi ħaġa fir-ristoranti, u Internet lounge permezz ta' cable fibre optic.

Il-post inqasam f'erba' setturi, u l-klijenti jistgħu jidħlu minn bibien ta' daqsijiet differenti. "Id-disinn kollu, ibbażat fuq tema ta' vettura spazjali, f'ambjent futuristiku, hu maħsub biex dan il-post isir destinazzjoni ewlieni lokali," qal Keith Pillow minn Daaa Haus, id-disinjaturi tal-proġett. "L-istruttura l-ġdida tieħu posta sew fl-inħawi fejn qegħda, bl-istess kuluri u finish bl-Alucabon bħal ma ntuża fil-kumpless ta' Bay Street innifsu."

Kelliem għal Bay Street qal: "Nixtiequ noffru dawk li jżuruna l-aqwa ċentru ta' divertiment f'Malta fejn hemm faċilitajiet għall-familji biex nassiguraw li din tkun esperjenza kbira għall-klijenti."

L-Internet lounge f'Delta 4 hija forma ta' kapsuli ta' vettura spazjali li jagħtu atmosfera futuristika. F'Jannar tal-2014 se jiftaħ ukoll l-ewwel teatru XD 6D taċ-ċinema f'Malta.

L-esperjenza tal-Labirint bil-Lasers, Entrapment, toffri għażla ta' erba' livelli ta' diffikultà għal plejer wieħed jew tnejn, li jiġru kontra l-ħin biex isibu t-triq minn ġo numru ta' dwal tal-laser. Ser ikun hemm numru ta' tabelli b'listi ta' min qiegħed jirbaħ, fosthom dawk fix-xahar, skont is-sess u l-età, u jista' wkoll ikun hemm lista skont grupp speċifiku, dawk li qegħdin jieħdu sehem f'parties jew kumpaniji privati.

Dawk li huma barra l-kamra jistgħu jsegwu dak li qiegħed jiġri fil-kamra tal-labirint permezz ta' TVs bid-definizzjoni għolja. L-aħjar punteġġi se jittellgħu fuq is-sit elettroniku uniku www.laserlabyrinth.com.mt jew fuq il-paġna tagħhom fuq Facebook www.facebook.com/Laser-Labyrinth/. Delta 4 joffri wkoll kamra dedikata għall-ġenituri u t-trabi b'faċilitajiet li jinkludu bottle warmers u post biex jinbidlu l-ħrieqi, f'ambjent seren fejn kemm il-ġenituri u t-trabi jistgħu iħossuhom komdi.

Il-ħinijiet tal-ftuħ ta' Delta4 huma kuljum mill-10 a.m sal-10 p.m. sebat ijiem fil-ġimgħa.

Għal iktar informazzjoni ċempel fuq 2138 0600 jew żur il-paġna ta' Bay Street fuq Facebook, [www.facebook.com/baystreetmalta](http://www.facebook.com/baystreetmalta).

– TMIEM –




**Żewġ ritratti minn barra ta' Delta 4, l-aqwa ċentru f'Malta għal divertiment tal-familja fuq Level 4 tal-Kumpless Turistiku ta' Bay Street fil-Bajja ta' San Ġorġ**





**L-esperjenza ta' Labirint bil- Laser, *Entrapment***





**Wieħed mill-kmamar futuristiċi fejn jistlagħbu logħob bil-kompjuters**